**A.L. 147 ta' l-2008**

## KODIĊI ĊIVILI
## (KAP. 16)

### Regolamenti ta' l-2008 dwar Amalgamazzjoni ta' Organizzazzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22(1) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2008 dwar Amalgamazzjoni ta' Organizzazzjonijiet.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"assoċjazzjoni" tfisser assoċjazzjoni kif hemm imsemmi fl-artikolu 48(1)(b) jew (d) tat-Tieni Skeda;

"organizzazzjoni" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fit-Tieni Skeda;

"it-Tieni Skeda" tfisser it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

L-artikolu 22(1) tat-Tieni Skeda.

**3.** Għall-finijiet ta' l-amalgamazzjoni ta' żewġ organizzazzjonijiet jew aktar f'waħda kif previst fl-artikolu 22(1) tat-Tieni Skeda, il-kliem "id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji" fl-artikolu 22(1) imsemmi għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala li jirriferixxu għad-disposizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima VIII ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

Riżoluzzjoni straordinarja. Kap. 386.

**4.** Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni, *mutatis mutandis*, tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 345 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji għall-amalgamazzjoni ta' żewġ assoċjazzjonijiet jew aktar, kull riżoluzzjoni straordinarja li tista' tkun meħtieġa skond l-Att dwar il-Kumpanniji għandha tkun riżoluzzjoni straordinarja li tkun ittieħdet minn u tkun għaddiet fil-laqgħa ġenerali ta' l-assoċjazzjoni skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw kif jittieħdu u kif jgħaddu riżoluzzjonijiet straordinarji hekk kif dawn id-disposizzjonijiet jinsabu fl-istatut ta' jew fid-dokument li jikkostitwixxi l-assoċjazzjoni msemmija, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 135(1) u (3) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji m'għandhomx japplikaw:

Iżda jekk l-istatut ta', jew id-dokument li jikkostitwixxi, l-assoċjazzjoni ma jkunx fih ebda disposizzjoni li tirregola l-mod li bih għandhom jittieħdu u jiġu mgħoddija riżoluzzjonijiet straordinarji, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 135(3) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji

għandhom jirregolaw il-mod kif tittieħed u kif tgħaddi riżoluzzjoni straordinarja bħal dik.

L-artikolu 348 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji ma għandux japplika. Kap. 386.

**5.** L-artikolu 348 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji ma għandux japplika għall-amalgamazzjoni ta' żewġ assoċjazzjonijiet jew aktar.